MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 652/2004

**Visual & Sound Communications Limited (C6189)**

**Vs**

**Jason Coleiro f'ismu propju kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem Compuware**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf tmien mija sitta u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1836.22), bilanc parti minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuqinkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata l-1 ta' Dicembru 2003 u bl-imghax legali mid-data tal-invoices, sad-data tal-pagament effetiv.

Il-konvenut kien ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment u skond il-ligi, il-konvenut naqas u ma deherx fit-30 ta’ Jannar 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita tieghu premessa sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm1836.22 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta’ Dicembru 2003 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-ewwel (1) ta’ Dicembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------